**Minuti tal-mitejn u ħames u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Xagħra li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 21 ta' Frar 2013, fil-5.30 p.m. Din hija wkoll it-tlettax il-laqgħa tas-sitt leġislatura ta' dan il-Kunsill.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Joseph Cordina |
| Viċi Sindku : | Is-Sur Aaron Aġius |
| Kunsilliera : | Dr. Christian Żammit |
| | Is-Sur Victor Żammit |
| | Dr. Joseph Attard |
| | Dr. Kevin Cutajar u |
| | Is-Sinjorina Maria Grima |
| Uffiċċjali | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Mark Formosa |

**TALBA TAL-BIDU, QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Intqalet it-talba tal-bidu u wara il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-Laqgħa Numru 284 li saret nhar il-Ħamis, 24 ta' Jannar, 2013, wara li saru l-korrezzjonijiet approvati.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti mqajjma mill-Minuti.

## Approvazzjoni tal-*Financial Statements* għas-sena 2012

Is-Sindku beda billi informa lill-Kunsill li il-*financial statements* ġew ippreparati u juru li hemm €17,228.00 *surplus*. Il-Kunsillier Dr. Joseph Attard wera id-dispjaċir tiegħu li il-*financial statements* ġew mibgħuta għand in-National Audit Office

mingħajr ma ġew approvati mill-Kunsill. Is-Sindku qal li dawn il-*financial statements* inbgħatu b'*covering letter* li kienet tgħid li dawn intbagħtu soġġetti għal approvazzjoni tal-Kunsill u il-Kunsillier Dr Joseph Attard ġie ippresentat b'kopja tal-ittra u din l-ittra inqrat lill-Kunsill.

Il-Kunsillier Dr Joseph Attard qal li hemm bżonn li jinħareġ *tender* jew *quotation* għas-servizzi ta' Accountant. Is-Sindku qal li l-Kunsill juża servizz tal-kumpanija JCA ltd li ilha tagħti is-servizz tagħha għal dawn l-aħħar tnax il-sena u dejjem sar xogħol tajjeb. Barra minn hekk l-ammonti involuti huma zgħar, għaliex ħafna mix-xogħol jagħmlu is-seġretarju tal-Kunsill. Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar staqsa jekk f'dawn il-*financial statements* kienx hemm inkulz pagamenti li ma kienux saru fl-2012 u li huma pendenti. Is-segretarju wieġeb li dawn kienu inklużi kif jitolbu l-IFRSs. Il-Kunsill qabel unaniment li il-*financial statements* jiġu approvati.

## Approvazzjoni tal-Budget tal-Kunsill għas-sena 2013

Is-Sindku ipprezenta l-estimi annwali għas-sena 2013. Is-Sindku qal li dawn kienu ibbazzati fuq l-estimi tas-snin ta' qabel u ma kienx hemm xi tibdil kbir. Huwa qal li huwa ipprogettat li nispiċċaw is-sena b'surplus ta madwar €20,000. Il-Kunsill approva unaniment l-estimi għas-sena 2013.

F'dan il-mument is-Sindku u il-Viċi Sindku infurmaw lill-Kunsill li minħabba raġunijiet personali u urġenti ser ikollhom jitilqu mill-laqgħa. Il-Kunsillier Dr Joseph Attard ippropona li il-Kunsillier Dr Christian Zammit ikompli jippresjedi il-laqgħa. Il-Kunsillier Dr Christian Zammit aċċetta u il-Kunsill approvaw unaminment din il-ħatra. Il-Kunsillier Dr Christian Zammit ippropona li l-laqgħa tiġi sospiza u id-data tal-laqgħa li imiss tiġi ifissita għal Gimgħa 15 ta' Marzu 2013. Liema data ġiet aċċettat mill-Kunsilliera kollha prezenti

**Data għall-Laqgħa Oħra**

Għalhekk il-laqgħa ġiet sospiża fis-6.00 pm u għall-kontinwazzjoni nhar il-Gimgħa 15 ta' Marzu 2013 fis-5.30pm.

**Joseph Cordina** **Mark Formosa**
**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**